# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 8 ta' Novembru, 2000.

**Kawza Nru. 17.**
**Citazz. Nru. 1642/00 JRM**

**LINK SCHOOL of LANGUAGES Limited**

**vs**

**MICRO TRAVEL and TOURISM Limited.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici bieghet u pprovdiet lis-socjeta' konvenuta diversi servizzi ta' taghlim tal-ilsien Ingliz u akkomodazzjoni ghal diversi klijenti tas-socjeta' konvenuta,

kif jirrizulta mill-fatturi hawn annessi u mmarkati Dokument RD1 sa RD26;

Illi dwar dawn is-servizzi s-socjeta' konvenuta ghad fadlilha li thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, tlett mija u hamsin lira maltin (Lm3,350.00), bilanc ta' somma akbar;

Illi dwar din is-somma hemm dovut ukoll l-ammont ta' elf u erbatax-il lira maltin (Lm1,014.00) dovut bhala d-differenza ta' kummissjoni bejn l-erbghin fil-mija (40%) originarjament offrut f'kaz li s-socjeta' konvenuta teffettwa pagament fi zmien xahar mit-tluq tal-klijent ghall-hamsa u ghoxrin (25%) fil-mija fil-fatt dovut u dan peress li din il-kondizzjoni ma gietx onorata min-naha tas-socjeta' konvenuta;

Illi ukoll hemm dovut l-imghax kummercjali fl-ammont ta' mitejn u hamsa u sebghin lira maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm275.55) dwar il-bilanc ta' tlett elef, tlett mija u hamsin lira maltin (Lm3,350.00);

Illi minkejja li s-socjeta' konvenuta giet interpellata thallas baqghet inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, tlett mija u hamsin lira maltin (Lm3,350.00), bilanc ta' somma akbar dovuta ghal servizzi ta' taghlim tal-ilsien Ingliz u akkomodazzjoni ghal diversi klijenti, provduta mis-socjeta' konvenuta;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont ta' elf u erbatax-il lira maltin (Lm1,014.00) dovut bhala d-differenza ta' kummissjoni bejn l-erbghin fil-mija (40%) originarjament offrut f'kaz li teffettwa pagament fi zmien xahar mit-tluq tal-klijent ghall-hamsa u ghoxrin (25%) fil-mija fil-fatt dovut u dan peress li din il-kondizzjoni ma gietx onorata min-naha tas-socjeta' konvenuta;

3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont dovut l-imghax kummercjali ta' mitejn u hamsa u sebghjin lira maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm275.55) dwar il-bilanc ta' tlett elef, tlett mija u hamsin lira maltin (Lm3,350.00);

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Lulju, 2000 u tal-mandat ta' sekwestru datat u bl-imghax ulterjuri sal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi:

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, tlett mija u hamsin lira maltin (Lm3,350.00) bilanc ta' somma akbar dovuta ghal servizzi ta' taghlim tal-ilsien Ingliz u akkomodzzjoni ghal diversi klijenti, provduta mis-socjeta' konvenuta;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont ta' elf u erbatax-il lira maltin (Lm1,014.00) dovut bhala d-differenza ta' kummissjoni bejn l-erbghin fil-mija (40%) originarjament offrut f'kaz li teffettwa pagament fi zmien xahar mit-tluq tal-klijent ghall-hamsa u ghoxrin (25%) fil-mija fil-fatt dovut u dan peress li din il-kondizzjoni ma gietx onorata min-naha tas-socjeta' konvenuta;

3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont dovut l-imghax kummercjali ta' mitejn u hamsa u sebghin lira maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm275.55) dwar il-bilanc ta' tlett elef, tlett mija u hamsin lira maltin (Lm3,350.00); u

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Lulju, 2000 u tal-mandat ta' sekwestru datat u bl-imghaxijiet legali li jghaddu b'effett mis-26 ta' Lulju, 2000, sal-jum tal-hlas effettiv kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**8 ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**8 ta' Novembru, 2000.**